MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2919/2002

**Forestals (Appliances) Ltd.**

**Vs**

**Antoine Attard**

It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm67 (seba’ u sittin lira Maltin) rapprezentanti bilanc meta l-konvenut xtara xi merkanzija minghand is-socjeta’ attrici u beda jaghmel pagamenti akkont, pero’ illum ghad fadallu jhallas il-bilanc ta‘ Lm67.00,0 (seba’ u sittin lira Maltin).

Illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex jhallas, il-konvenut baqa’ inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz tat-talba, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-konvenut debitament notifikat baqa ma ppresentax risposta.

Sema lil Avv Tanya Sammut tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadhu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sebgha u sittin Lira Maltin (Lm67) bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------